MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru. 68/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**OMAR CARUANA u**
**KURT GATT**

**Seduta tal-lum sebgha t'Ottubru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-akkuzati **OMAR CARUANA** ta' hamsa w ghoxrin sena, iben Francis u Anna nee' Rapa, mwieled San Giljan nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 1976 u residenti gewwa 7, Mediterranean Court, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar,

detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 30477(M); **u KURT GATT** ta' dsatax-il sena, iben Micahel u Mary Dolores nee' Bugeja, imwieled Pieta' fit-tlieta (3) ta' Gunju, 1982 u residenti Block D2, Our Lady of Sorrows Street, Pieta', detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 316082M, tressqu quddiemha akkuzati talli:

F'dawn il-gzejjer f'Dicembru tas-sena 2001 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helisen falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe' ghamlu falsifikazzjoni tal-firem tas-signatarji tac-cekkijiet mahrugin fur Rascala of Malta Limited u persuni ohra fuq cekkijiet tal-HSBC, Bank of Valletta u banek ohra fuq l-akkont tar-Rascala of Malta Limited u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza.

2. Iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew document orha u cioe' cekkijiet tal-HSBC u l-Bank of Valletta u banek ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew mghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karti msemmija.

3. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji,

ghamlu qliegh ta’ ammont ta’ flus li jeccedi l-elfejn Lira Maltin (Lm2000) ghad-dannu tal-Bank of Valleta, HSBC, Marita Dowling, Sergio Zampa, Dolceria Golosa, Edward Smith, Tip Top Limited, Royal Impact, Melita Pharmacy, Aroma Confectionery, A. Fenech, Johann Sammut, J. Cossai, Dowling Cellar u diversi persuni ohra u dan billi pprezentaw cekkijiet tal-Bank of Valletta u l-HSBC fuq l-akkont tar-Rascala of Malta Limited lil persuni jew kumpaniji msemmija.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom fedina penali w certifikat tat-twelid taz-zewg imputati, kif ukoll il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar is-sitta w ghoxrin ta’ Jannar 2002 xehdet **l-Ispettur Helga Debono** ( a fol. 7 et seq.) biex tispjega n-necessita’ li l-imputati jitressqu l-Qorti b’arrest.  Hija qalet li dan huwa kaz ta’ cekkijiet misruqa, li fil-fatt kien hemm zewg cekkijiet misruqa li allegatament intuzaw mill-istess imputati f’diversi stabilimenti, u allura hemm diversi vittmi. Qalet li l-Prosekuzzjoni thoss li l-imputati jistghu jersqu b’xi mod lejn ix-xhieda u b’hekk ikun hemm inkwinament tal-provi.  Ziedet li barra minn hekk il-Pulizija kienet ga nterrogat lill-imputat Kurt Gatt dwar cekkijiet, u kif appena telquh, rega’ ntuza cheque iehor minn cekkijiet misruqa bl-istess deskrizzjoni tal-persuna.  Kompliet li lil Kurt Gatt kienu nterrogawh il-Gimgha u s-Sibt intuza cheque iehor mic-cekkijiet misruqa.  Qalet li Kurt Gatt kien stqarr mal-Pulizija, partikolarment PS175 George Pace, li tant dejquh dejjem imorru ghandu, li kien se jbiddel l-indirizz halli ma jkunux jistghu isibuh, u ghalhekk hassew li kellhom iressquh biex ikun jista’jinghata kundizzjoni tal-iffirmar fil-bail.

In kontro-ezami kompliet tghid li l-imputati gew arrestati fil-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2002, Kurt Gatt fis-sebgha ta’ filghaxija u Omar Caruana fis-sitta ta’ filghaxija, u ghalhekk ikkonfermat li t-terminu ta’ tmienja w erbghin siegha kien ghadu m’ghaddiex. Stqarret li ma kellhiex bzonn li tisma’ xi xhieda urgentement. Ikkonfermat li c-cheque li ntuza s-Sibt huwa parti minn dan il-kaz, anzi ziedet li c-cekkijiet ghadhom dehlin.

Qalet li d-deskrizzjoni tal-persuna li uzat ic-cheque kienet ta’ wiehed xaghru qasir skur, bushy eyebrows, ghajnejh blu. Fuq mistoqsija tad-difiza jekk kienx hemm ‘a positive identification’ minbarra din id-deskrizzjoni, kkonferma li kien hemm ghaliex wara li wrew il-photo album li ghandha l-pulizija, gie identifikat Kurt Gatt. Ziedet li fuq dan il-kaz interrogatu darbtejn, pero’ kienet interrogatu fuq cheque iehor misruq xi xahrejn qabel, li pero’ m’ghandux x’jaqsam ma’ dan il-kaz. Fuq domanda tad-difiza nsistiet li l-allegati vittmi kollha huma xhieda u kollha kienu certi fuq dak li se jixhdu, u ziedet li dawn mifruxin madwar Malta.

Meta regghet xehdet fl-ghoxrin ta’ Frar, 2002, l-Ispettur Helga Debono qalet li fil-bidu ta’ Jannar 2002 kienet giet infurmata mill-Ispettur Jesmond Borg mill-ghassa ta’ Rahal Gdid, li kien hemm diversi cekkijiet tar-Rascala of Malta Limited, li kienu misruqa u li kienu qed jigu ccirkolati fil-hwienet. Semmiet li l-ewwel rapport li dahlilhom kien ta’ certu Johan Sammut tat-Tropical Center, minn fejn inxtraw zewg ghasafar bil-prezz ta’ tmien mija w hamsa w sebghin lira Maltin (Lm875). Tahom deskrizzjoni li l-ghasafar inxtraw minn zewg persuni, wiehed daqsxejn mimli b’ghajnejh cari u l-irhor irqiq u twil, u li kienu qed isuqu Piaggio Porter bin-numru ta’ registrazzjoni AAT 647, li minn aktar investigazzjoni rrizulta li hija ta’ certu Robert Zammit. Meta mitkellem mill-pulizija, dan Zammit stqarr li huwa ghandu diversi karozzi u ma setax ikun jaf min seta’ wzalu din il-karozza. Ziedet pero’ li d-deskrizzjoni moghtija lilhom, ma taqbilx ma’ dik ta’ Robert Zammit.

Kompliet li fil-fatt dahlulhom hafna izjed rapporti fosthom minn Aquarium Pet and Hobby Center, minn fejn inxtraw xi ghasafar ohra. Inxtraw ukoll xi fwejjah minn spizerija,

kif ukoll alkohol, xi deheb u hafna mobiles. Qalet li wiehed minn dawn il-mobiles, Samsung SGHA 400, inxtara mill-hanut Royal Impact tal-Fgura ta’ Jason Buhagiar. Qalet ukoll li minn iktar investigazzjoni rrizulta li f’hafna mill-istabilimenti marret persuna wahda biss, u li d-deskrizzjoni tieghu kienet ta’ bniedem daqsxejn mimli, bhal dik moghti minn rapprezentat tat-Tropical Center. Iktar tard irrizulta li wiehed mis-suspettati, jigifieri dak li kien mar f’hafna mill-hwienet u pprezenta c-cheque books tar-Rascala of Malta Limited, wiehed tal-HSBC u l-iehor tal-Bank of Valletta, seta’ kien l-imputat Kurt Gatt.

Ghalhekk il-Pulizija arrestat lil Kurt Gatt nhar it-tmintax ta’ Jannar 2002, u saret tfittxija fid-dar tieghu, li pero’ rrizultat fin-negattiv, imbaghad ittiehed l-ECU ghal aktar investigazzjonijiet. Huwa nnega li qatt xtara xi affarijiet b’xi cheque books misruqin, innega li qatt seraq xi cheque books u nnega wkoll li mar fil-hwienet kollha li kien hemm rapporti dwarhom. Huwa gie rilaxxjat wara li ghamel l-istqarrija tieghu, jigifieri fit-18 ta’ Jannar 2002. Pero’ sadanittant baqghu dehlin ir-rapporti u dahlet deskrizzjoni ohra tal-persuna li allegatament kienet ma’ Kurt Gatt ghand it-Tropical Center, li kienet taqbel ma’ dik ta’ Omar Caruana.

Ghalhekk fil-25 ta’ Jananr 2002, il-Pulizija marret fir-residenza ta’ Omar Caruana, cioe’ 7, Mediterranean Court, Triq it-Tamar, Qawra, fejn ghamlet tfittxija. Fil-post kien hemm Omar Caruana u martu, u hemmhekk il-pulizija sabet mobile Samsung SGHA 400 ta’ l-istess kulur u ghamla li kien hemm rapport dwaru minghand ir-Royal Impact. Ghalhekk dan kien konfiskat ghal iktar stharrig. Omar Caruana ttiehed ukoll l-ECU.

Fl-istess hin, il-Pulizija regghu arrestaw lil Kurt Gatt ghal iktar stharrig dwar ir-rapporti godda li dahlu. Iz-zewg imputati t-tnejn irrilaxxaw stqarrija fis-sens li ma kellhomx x’jaqsmu ma’ dawn iz-zewg cheque books, pero’ filwaqt li Kurt Gatt iffirma l-istqarrija tieghu, Omar Gatt ghazel li ma jiffirmax. Peress li l-kumpanija Rascala of Malta Limited kienet ghalqet minn Malta, u d-diretturi taghha telqu wkoll,

il-pulizija ma setghux jaghmlu investigazzjonijiet maghhom.

Ipprezentat zewg stqarrijiet ta' Kurt Gatt datati 18 ta' Jannar 2002 u 26 ta' Jannar 2002. Dwar l-ewwel wahda kkonfermat il-firem taghha, ta' Kurt Gatt u ta' PC 290 Jean Paul Formosa, filwaqt li fl-istqarrija l-ohra gharfet il-firem taghha, ta' Kurt Gatt u PS494 Gordon Borg. Ipprezentat ukoll l-istqarrija mehuda minghand Omar Caruana fis-26 ta' Jannar 2002, fejn gharfet il-firma taghha u ta' PS494 Gordon Borg. Ipprezentat ukoll il-Fedina Penali u certifikat tat-twelid ta' Omar Caruana. Inoltre esebiet sittax-il (16) cheque allegatament iffirmati w miktuba minn Kurt Gatt, li huma kollha tar-Rascala of Malta Limited, liema cekkijiet kienu ngabru minghand il-vittmi u li gew immarkati bhala Dok. HD1.

Ix-xhud ipprezentat ukoll il-mobile Samsung li nstab ghand Omar Caruana w spjegat li kienet staqsiet lil mart Caruana ta' min kien il-mobile u din kienet qalet li huwa taghha u xtratu xi xahrejn qabel Jannar minghand il-View Sonic tal-Hamrun. Ghalhekk il-pulizija talbitha l-kaxxa tieghu u hi tathielhom xi ftit jiem wara, pero' s-serial number li hemm fuq il-kaxxa u dak fuq il-mobile konfiskat precedentement ma kienux jaqblu. Fil-fatt wara rrizulta li s-serial number fuq il-mobile jaqbel ma' dak mixtri minghand ir-Royal Impact.

Rat li fl-ghoxrin ta' Frar 2002 xehed **PS 175 George Pace**, (a fol. 43) stazzjonat fl-ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi, li ddikjara li f'Jannar huwa kien stazzjonat mat-Taqsima ta' Kontra l-Frodi. Ftakar li kienet saret investigazzjoni dwar cekkijiet misruqa minn Rascala of Malta Limited u spjega li fil-25 ta' Jananr ghal xi s-sitta w nofs ta' filghaxija kien assista lill-Ispettur Debono fi tfittxija go residenza fil-Qawra, minn fejn elevaw mobile Samsung ta' kulur ahmar, li wara rrizulta mis-serial number li kien dak relatat mal-hanut Royal Impact ta' Haz-Zabbar. Qal li din hija r-residenza ta' Omar Caruana w martu, u l-indirizz kien 7, Mediterranean Court, Triq it-Tamar, Qawra. Huwa gharaf lill-imputat Omar Caruana prezenti fl-Awla u l-mobile in kwistjoni mmarkat bhala HD2.

Rat li dakinhar tal-20 ta' Frar, 2002 xehed ukoll **Jason Buhagiar** (a fol. 48 et seq.) li ddikjara li huwa proprjetarju tal-hanut Royal Impact ta' Haz-Zabbar. Ftakar li kien kellem lill-Pulizija dwar mobile li kien biegh f'Dicembru. Huwa ndika lil Kurt Gatt bhala l-persuna li xtrat il-mobile u qal li dan hallsu b'cheque, li sussegwentement huwa (x-xhud) mar jiddeposita l-bank. Ix-xhud ftakar li Gatt kellu biss cheque wiehed f'idu u li f'idu kellu mobile iehor li l-imputat qallu li kien xtrah ghat-tfajla tieghu izda ma riditux. Qal li fil-fatt din raha haga stramba ghax il-mobile kien wiehed ghali, imbaghad beghlu l-mobile li wara gie konfisktat, li kellu rose engraved fuqu. Meta gie muri cheque numru 161 tal-HSBC tar-Rascala of Malta Limited, gharfu bhala dak li kien prezentat lilu u meta mistoqsi spjega li c-cheque kien iffirmat minn qabel pero' l-kumplament inkiteb quddiemu minn Kurt Gatt. Qal li huma jzommu s-serial numbers tal-mobiles mal-ircevuti.

Fl-istess seduta tal-ghoxrin ta' Frar, 2002 xehdet ukoll **Eleonor Cassar** (a fol. 50 et seq.) li qalet li ilha tahdem bhala salesgirl fil-hanut Visonics li jinsab go Manuel Magri Street, Hamrun kwazi sentejn. Qalet li fil-hanut ikun hemm hi u l-imghallem taghha, u li fost affarijiet ohra huma jbieghu mobile phones. Qalet li qabel kienu jzommu s-serial number tal-mobiles li jbieghu, pero' issa ma baqghux u allura fuq suggeriment tal-Prosekuzzjoni kkonfermat li jekk jidhol xi hadd jisirqilhom il-mobiles ma jkunux jistghu jaghrfu l-mobiles taghhom. Meta giet murija l-mobile konfiskat stqarret li ma kinitx certa jekk kienx mixtri minghandhom. Gharfet lil Omar Caruana bhala persuna li seta' xtara mobile bhal dak muri lilha pero' rigward Kurt Gatt ma kinitx certa ghalkemm qalet li kellha idea ta' wiccu. Ikkonfermat li Omar Caruana huwa klijent taghhom. Imbaghat giet murija kaxxa tal-mobile pero' ma setghetx tikkonferma li din hija kaxxa minn taghhom. Fuq mistoqsija tal-Qorti hija kkonfermat li l-kaxxi jkollhom serial number fuqhom, li f'dan il-kaz huwa 350302992403655. Ikkonfermat ukoll li anke fuq il-mobiles ikun hemm serial number, u li s-serial number fuq il-mobile konfiskat huwa 350302992510855, li allura ma jaqbilx mal-kaxxa. Hija kkonfermat li kull mudell ta' mobile ikollu kaxxa ghalih.

Hija mbaghad qalet li peress li hija biss sales girl mhux xoghlha li tnizzel is-serial numbers tal-istock li jinxtara, u li dak ix-xoghol jaghmlu l-imghallem taghha. Ma kienitx taf jekk mal-importazzjoni originali jkunx hemm in-numri ghax dawk l-affarijiet jiehu hsiebhom l-imghallem taghha Adrian Agius.

Illi fit-tlettax ta’ Mejju, 2002 xehed **Johann Sammut** (a fol. 60 et seq.) li ddikjara li huwa sid il-hanut Tropical Bird Centre go Haz-Zebbug u li jimporta annimali w ghasafar bi spjecjalizzazzjoni f’annimali ezotici. Ftakar li f’Dicembru 2001 kien mar jaghmel rapport l-ghassa ta’ Rahal Gdid ghaliex il-gurnata ta’ qabel kienu marru zewg persuni ghandu, li hu indika bhala l-imputati, u ffrodawh b’cheque ta’ tmien mija w hamsa w sebghin Lira (Lm875). Huwa ddeskrivihom bhala l-ohxon u l-irqiq. Meta gie muri Dok. A parti minn Dok. HD1 ikkonferma li dan hu c-cheque li ghamlulu z-zewg imputati, li kkonferma li jaghraf fl-Awla, bhala hlas ghal zewg pappagalli wara li damu jduru biex jaraw l-affarijiet. Qal li dawn il-pappagalli huma Cocatoos bojod li jiswew elf u mitejn Lira (Lm1200) imma tahomlhom inqas. Qal li l-imputati dehru mieghu bhala nies serji u jafu jinnegozjaw u li Kurt Gatt kien anke semmielu lil haddiehor f’dan il-qasam, li wara sar jaf li gie ffrodat ukoll. Qal li wrewh ic-cheque book biex jassigurawh li m’hemmx problemi u qalulu li ghandhom kumpanija. Qal li c-cheque inkiteb u gie ffirmat quddiemu minn Kurt Gatt, minghajr ma talabhom xi tip ta’ identifikazzjoni.

In kontro-ezami rega’ sostna li c-cekk kien vojt u mtela’ quddiemu wara li sar in-negozju. Huwa nsista li hu cert li l-persuni li marru fil-hanut tieghu huma l-imputati, li anke gharafhom minn fuq ir-ritratti li l-pulizija wrewh fid-Depot.

Illi nhar it-tlettax ta’ Mejju, 2002 xehed ukoll **Ernest Camilleri** li huwa jahdem bhala Executive mal-Hot Couture. L-ufficjal Prosekutur urietu cheque tal-HSBC immarkat bhala Dok. MC, pagabbli lil Hot Couture fuq l-akkont ta’ Rascala of Malta Limited, datat 27 ta’ Dicembru, 2001 ghall-ammont ta’ wiehed u tmenin Lira Maltin (Lm81), pero’ qal li ghalkemm ic-cekk indirizzat lill-

kumpanija taghhom, huwa ma jaghrfux. Stqarr li ma jafx min ha dan ic-cekk ghaliex fejn normalment is-salesgirls jinizjalaw ic-cekkijiet, f'dan il-kaz ma giex inizjalat, pero' ttiehdu l-I.D. number u t-telephone number tal-persuna. Ikkonferma li dan ic-cekk ma ssarrafx. Ma setax jghid min ipprezenta dan ic-cekk.

Rat illi nhar it-tlettax ta' Mejju, 2002 xehdet ukoll **Daniela Falzon** (a fol. 72 et seq.) li qalet li hija salesgirl mal-Melita Pharmacy, in-naha tal-fwieha. Giet murija Dok. D, li hu chekk tal-Bank of Valletta pagabbli lil Melita Pharmacy fl-ammont ta' sebghin Lira Maltin (Lm70), u ftakret li kien Boxing Day u li kien mar fil-hanut Kurt Gatt, li ndikatu prezenti fl-Awla. Ikkonfermat li kien hu ghax dakinhar ma kellhomx hafna klijenti "and he was quite an easy customer". Ftakret ukoll li kien xtara erba' fwejjah tal-irgiel, li qalilha li kienu ghall-impjegati tieghu. Ziedet tghid li kien liebes casual hafna, u li ma kienx jidher xi persuna 'rough'. Ikkonfermat li c-cekk imtela quddiemha minn Kurt Gatt.

In kontro-ezami kompliet tikkonferma li dakinhar ma kellhomx izjed minn erba' klijenti, peress li kien l-ghada tal-Milied, u fwieha bieghu biss lill-imputat dakinhar. Qalet li mhux normali li n-nies jonfqu sebghin Lira (Lm70) fi fwieha f'hin daqshekk qasir, u dakinhar hasbet li kienet fortunata. Ikkonfermat li sussegwentement ic-cekk ma ssarrafx.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 2002 xehdet **Maria Dolores Mifsud** (a fol. 77 et seq.) li spjegat li Lejlet il-Milied kienet qed tahdem go Dolceria Golosa, l-Mosta. Gharfet ic-cekk tal-HSBC muri lilha, datat erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2001, pagabbli lil Dolceria Golosa fuq l-akkont ta' Rascala of Malta Limited immarkat bhala Dok. E. Spjegat li kien mar ragel fil-hanut u talabha xoghol konsistenti f'xorb alkolholiku u cikkulatini, ghal ghoxrin ruh. Qalet li kienet cemplet lill-imghallem taghha u ggwidaha hu x'ghandha ttih. Fil-fatt kien tella' kont ta' sebgha w sebghin Lira u tmienja w hamsin centezmu (Lm77.58). Il-klijent ghamlilha cekk ta' sebgha w sebghin Lira bil-patt li l-kumplament kellu jtihomlha meta jkun

ghaddej minn hemm. Fuq ic-cekk kiteb it-telephone numbers u l-I.D. number. Ikkonfermat li c-cekk imtela' quddiemha u li ma talbitux juriha l-I.D. Card, u li sussegwentement ic-cekk ma ssarrafx u kellha tohrog il-flus hi. Iddeskriviet lil dan ir-ragel bhala qawwi, b'ghajnejh cari u xaghru qasir hafna, u indikat lil Kurt Gatt prezenti fl-Awla bhala l-persuna li marret fil-hanut taghha. Kompliet li l-imghallem tefa' r-responsabilita' talli accettat ic-cheque fuqha u allura kellha tbati dawn il-flus hi, li fil-fatt hallsithom bin-nifs. Fuq mistoqsija tad-difiza sostniet li ghalkemm kien Christmas Eve u dakinhar kellhom hafna nies, fil-hin li dahal Kurt Gatt ma kienx hemm nies ohra hlief hi u zewgha. Insistiet li l-imputat baqa' stampat f'mohha ghaliex kellha tbati l-konsegwenzi tal-agir tieghu, u ghalhekk gharfitu minn fuq ir-ritratti li wrewha l-pulizija.

Xehed ukoll **Mario Mifsud** (a fol. 83 et seq.) waqt is-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 2002, li ftakar li Lejlet il-Milied tas-sena 2001 kien fil-hanut Dolceria Golosa fil-Mosta, ma' martu. Ftakar li xi s-sebgha w nofs jew it-tmienja ta' filghaxija kien dahal ragel jew guvni fih tifel ftit ismar b'xaghru qasir, u talab lill-mara tieghu xi oggetti ghax kien se jaghmel party ghal hmistax jew ghoxrin ruh. Zied jispjega li l-mara tieghu cemplet lill-imghallem taghha u dan qalilha x'kellha ttih. Ghamlitlu l-kont li tela' kwazi tmenin Lira Maltin u dak iffirmalha cekk. Qal li hu (x-xhud) kien offra li jwassallu l-kaxxa, pero' l-iehor qallu li ma kienx hemm bzonn ghax kellu l-karozza fil-qrib. Ikkonferma li dan ir-ragel dahal fil-hanut wahdu u li hu ma ra l-ebda karozza. Huwa ndika lil Kurt Gatt bhala l-persuna li dahal fil-hanut.

Illi fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 2002 xehed **Richard Busuttil** (a fol. 86 et seq.) li qal li huwa Direttur tal-kumpanija Handyman Centre, li hu hanut tal-ghodda f'Birkirkara. Qabel mas-suggeriment tal-Prosekuzzjoni li fis-27 ta' Dicembru 2001 kienet marret persuna ghandu u pprezentatlu cekk li kkonferma li huwa c-cekk immarkat bhala Dok. F. Spjega li fil-hanut kien hemm hu w impjegat tieghu u li dan ir-ragel kien qalilhom li ried jixtri rigal ghal missieru, qalilhom kemm ried jonfoq u wara ddecieda li jiehu driller. Ikkonferma li dan kiteb u ffirma c-cekk

quddiemu, pero' ma kienx jaf jaghti deskrizzjoni tal-persuna ghalkemm kien jaf li kien xi hadd ghadu zghir.

Fuq domanda tal-avukat difensur tal-imputat Omar Caruana kkonferma li fl-ebda hin ma identifika lil xi hadd, lanqas mir-ritratti li ntwerew lilu mill-pulizija u li Identification Parade ma saritx.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 2002 xehed **Edward Smith** (a fol. 90 et seq.) li qal li hu kien ghamel rapport lill-pulizija dwar cekk li kien ircieva. Ftakar li Lejlet il-Milied, litteralment fl-ahhar hin, kien mar ragel jew guvnott fil-hanut tieghu tal-ornamenti u f'hames minuti xtara set ta' zewg 'trunks' ghall-prezz ta' mija w hamsa w ghoxrin lira Maltin (Lm125). Kompla li x'hin gie biex ihallsu w hareg ic-cekk u hu (x-xhud) innota li kien ta' Rascala, staqsa x'kumpanija kienet u dan qallu li kienet kumpanija go Hal-Luqa li tbiegh il-parts tal-karozzi. Ic-cekk imlieh l-istess ragel u ffirmah quddiemu wkoll, u anke kitiblu t-telephone numbers fuq wara, pero' mbaghad ma ssarrafx. Indika lil Kurt Gatt bhala l-persuna li marret tixtri minghandu.

In kontro-ezami kkonferma li Kurt Gatt mar wahdu fil-hanut u li l-affarijiet li xtara garrhom wahdu wkoll. Ftakar li qallu li kien xtrahom ghal ommu u li kien tah ukoll discount. Fuq domanda tad-difiza stqarr li dakinhar kellu hafna klijenti, pero' sostna li persuna li tigdmek ma tinsihiex, ghalhekk gharaf lil Kurt Gatt anke fuq ir-ritratt. Qal li Identification Parade ma kienx hemm. Stqarr li dakinhar kien hemm min hallas cash, min bil-credit cards u min b'cekk. Qal li c-cekkijiet iddepositahom kollha xi jumejn wara u wara xi gimgha gie lura dan ic-cekk, li gie muri lilu mmarkat bhala Dok. G. Wara ezami mill-avukat difensur, dwar kif baqa' jiftakar ta' min kien ic-cekk li gie lura, qal li jiftakar minhabba l-ammont li kien. Qal li baqa' jahseb x'seta' biegh b'dak il-prezz f'dik il-gurnata u b'hekk seta' jiftakar min kienet il-persuna. Sostna li kieku l-ammont kien wiehed zghir, bhal ma jiswew hafna mill-affarijiet li jbiegh hu, kien ikun impossibbli ghalih li jiftakar, pero' meta bniedem jonfoq dak l-ammont u tkun staqsejtu dwar id-ditta, tibqa' tiftakru.

Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni wiegeb li l-maggoranza tac-cekkijiet ikunu personali, u xi cekk wiehed ikun hemm f'isem kumpanija. F'dan il-kaz dan ic-cekk kien f'isem kumpanija. Rega' nsista li dan ir-ragel dahal, ghazel l-oggett li ried, qallu li kien ghal ommu, rrangaw il-prezz u hareg, kollox f'hin qasir.

Illi fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 2002 xehed ukoll **Joe Cossai** (a fol. 99) fejn qal li huwa Direttur tal-kumpanija Cossai Limited. Gie muri cekk tal-Bank of Valletta tal-akkont ta' Rascala of Malta Limited, immarkat bhala Dok. H, u gharfu bhala cekk li kien tah klijent. Qal li kien tah lilu personali, skond ma jidher minn fuq ic-cekk fit-28 ta' Dicembru, u li wara kien gie lura 'refer to drawer'. Ftakar li b'dak ic-cekk kien inxtara mobile phone, u li l-kitba u l-firma ta' fuq ic-cekk saru quddiemu mill-persuna li xtrat il-mobile, li kien fih tifel, xaghru qasira, ghadu zghir u twil. Ix-xhud indika lil Kurt Gatt bhala l-persuna li xtrat il-mobile minghandu.

Illi fit-tmintax ta' Novembru 2002 xehdet **Victoria Meyer** (a fol. 108 et seq) li kkonfermat li nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2002 kienet prezenti fil-hanut Dowling Cellars biex tghin lil Mrs. Dowling. Kienet qed taghmel kont ta' xi klijent meta dahal ragel jixtri xi nbid u spirti, u mbaghad spiccaw ghamlu z-zewg kontijiet fl-istess hin. Qalet li l-kont tal-ewwel sinjur kien fuq elf Lira u tal-klijent l-iehor kien xi mitejn u hamsin Lira. Ftakret li fil-fatt ma kienx ragel wahdu izda tnejn u li kellhom karozza ghalkemm ma kinitx taf x'tip jew x'kulur hi. Meta lestitilhom il-kont, li regget irrepetiet tela' ghal xi mitejn u tmienja w hamsin Lira (Lm258), dawn taw cekk lil Mrs. Dowling, u fil-fatt hi rathom jiktbuh ghax kienet hdejhom. Giet murija Dok. I li hu cekk bin-numru 253 u kkonfermat li hu l-istess cekk. Ix-xhud indikat lill-imputat Kurt Gatt, prezenti fl-Awla, bhala l-persuna li kitbet ic-cekk quddiemha. Mitluba tghid jekk taghrafx lir-ragel l-iehor li kien ma' Kurt Gatt dakinhar, hija qalet li taf li kien irqiq hafna, pero' ma kinitx certa jekk kienx l-imputat l-iehor. Qalet li Mrs. Dowling talbithom jiktbulha l-I.D. number u mbaghad huma hargu x-xorb li kienu xtraw, filwaqt li huma komplew mal-klijenti l-ohra.

In kontro-ezami sostniet li tiftakar tnejn min-nies partikolari li dakinhar hallsu bic-cekkijiet. Lir-ragel l-iehor tiftakru ghax kellu ammont kbir hafna u lill-imputat tiftakru ghax hallsu fl-istess hin. Qalet li tiftakarhom ghax Mrs. Dowling bdiet tinkwieta li c-cekkijiet mhux se jissarfu. Barra minn hekk ziedet li mhux haga normali li jigu tnejn min-nies kwazi f'daqqa, w wiehed jonfoq fuq elf lira u l-iehor fuq mitejn lira.

In ri-ezami mbaghad qalet li ghalkemm hi normalment ma tkunx fil-hanut, pero' taf li n-nies generalment jonfqu bejn hamsin u mitt Lira.

Illi nhar it-tnax ta' Marzu, 2003 xehdet **Ritienne Mercieca** (a fol. 119 et seq.) in rapprezentanza tal-HSBC, wara li l-Qorti ezentatha mis-Sigriet Bankarju. Hija qalet li kienet giet mitluba mill-Pulizija sabiex taghmel ricerka dwar l-akkont numru 421006423 li jghajjat lil Rascala of Malta Limited. Qalet ukoll li firmatarji ta' dan l-akkont kienu Daniele Rizzo, Frank Fenech u Francis Pace Lupi. Esebiet l-ispecimen signatures ta' dawn il-persuni, li l-qorti mmarkata bhala Dok HD4. Ziedet li dan l-akkont infetah fil-hmistax ta' Settembru 1999, pero' fil-prezent dan jinsab imblukkat peress li hemm xi sekwestri fuqu, ghalkemm ma kinitx f'posizzjoni li tghid kemm ilu mblukkat. Bhala bilanc fil-kont qalet li hemm disgha w ghoxrin Lira u sitta w ghoxrin centezmu (Lm29.26) u li ilu hekk sa mis-16 ta' Novembru 2000 zgur.

Illi fit-tnax ta' Marzu 2003 xehed ukoll **Anthony Scicluna** bhala rapprezentant tal-Bank of Valletta (a fol. 124 et seq.), wara li kien ezentat mis-Sigriet Bankarju. Qal li hu ghamel ricerka fuq l-akkont 18605642046 li kien ta' Rascala of Malta Limited. Zied li dan il-kont kien infetah bejn wiehedu iehor fl-1998 u li minn zmien ghal zmien kellu tibdil f'min seta' jkun firmatarju. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni min kienu l-firmatarji ghal habta ta' Dicembru 2001, qal li dak iz-zmien il-kont kien maghluq u ma setax jopera. Qal li dak kien kont li l-bank kien sellef fuqu u li s-self ma kienx ingabar u allura mbaghad issejjah lura, u ma thalliex jibqa' jopera. Ix-xhud spjega li

ghalkemm huwa seta' jesebixxi specimen tal-firmatarji ta' dan il-kont, dawn bhalissa xorta ma jistghux juzaw il-kont. Qal ukoll li n-numru tal-kont inbidel u li dawn in-nies m'ghadhomx awtorizzat jiffirmaw. Ghalkemm ma kienx cert, assuma li f'Dicembru 2001 il-kont kien diga' maghluq. Qal li hu seta' jipprezenta 'true copies' tal-firem pero' l-originali kellhom jibqghu fil-pussess tal-bank. Ghaldaqstant l-ezami tieghu gie sospiz.

Illi fis-sittax ta' Settembru 2008 xehed il-Probabtion Officer **Trevor Calafato** (a fol. 208 et seq.) li ddikjara li huwa kien gie nominat mill-Qorti sabiex ihejji Social Inquiry Report fil-konfront tal-imputat Kurt Gatt. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. S1.

Jirrizulta li l-imputat kellu trobbija tajba mill-genituri tieghu u sa ftit ilu kien ghadu ighix maghhom. Illum jinsab f'relazzjoni ma tfajla u anke ghandu impieg fiss ma' stabiliment ta' divertiment hawn Malta. Jghid li l-genituri tieghu hadu xokk kbir meta effettivament saru jafu b'dawn il-proceduri, u dan ghaliex huma qatt ma kissru dufrejhom mas-sistema tal-Gustizzja hawn Malta. Jispjega li dan kollu sehh fiz-zmien meta l-imputat kellu problema tal-loghob tal-azzard. Ix-xhud jghid li l-imputat Gatt ikkollabora hafna mieghu, u sahansitra anke segwa d-direttivi moghtija lilu minnu. Jghid ukoll li minn ricerka li ghamel ma jirrizultax li l-imputat qatt kellu xi kuntatt m'agenziji li jassistu persuni fir-riabilitazzjoni mid-droga, w lanqas qatt ma gie mizmum gol-habs.

Rat ir-rikors ta' Omar Caruana tat-tnax ta' Lulju, 2010, fejn talab lil din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzah jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fis-seduta li jmiss. Rat id-digriet taghha tat-tlettax ta' Lulju, 2010 fejn filwaqt li ma laqghetx it-talba ghas-sospensjoni, ordnatlu jipprenzenta d-difiza tieghu bil-miktub sa mhux aktar tard mit-tlieta t'Awissu, 2010. Rat illi pero' dan ma sarx.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi permezz tat-tliet akkuzi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad bla tlaqliq li biex ikun hemm il-falsifikazzjoni jinħtieg li jkun hemm (a) dokument; (b) li jew ikun hemm 'counterfeiting' (contraffacimento) jew it-tibdil (alterazione) ta' dokument genwin.

Minħabba li l-Ligi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' 'Falsifikazzjoni', il-**Professur Mamo fin-Noti** tiegħu jikkwota lill-awtur Pessina kif gej:

*'I mezzi onde al vero si puo' sostituire cioe' che non e' tale si riducono sempre a due, come il formare ex integro un imitazione o il modificare qualche obbietto, qualche atto, qualche scrittura vera di guisa che per effetto della trasformazione indichi tutt'altro che il vero. Il primo modo piglia nome di contraffacimento dove che l'altro dicesi alterazione.'* ( **Prof.Mamo Anthony Notes on Criminal Law** Part II pagina 153).

Għal x'għandu jitqies bħala dokument, il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) Vs John Busuttil** moghtija nhar l-24 ta' Frar 2010 fejn ghamlet referenza għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ: **' Il-Pulizija vs Paul Galea'** nhar is-17 ta'Ottubru, 1997.

F'dak il-każ il-Qorti kienet qiset bħala 'dokument' *'kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espożizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta'. B'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici iżda tinkludi dawk numerici, stenografici w anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn certu numru ta' nies. Il-ktiba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messagg.'*

Abbażi ta' din id-dottrina, cheque ghandu jitqies bħala dokument.

Fl-istess kaz fuq imsemmi il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-*falso ideologico* u il-*falso materiale* abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideologiku meta għalkemm id-dokument ikun genwin *'non e' verido, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.'*

**L'Antolisei** jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

*'Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.'* (**Antolisei F. Manuale di Diritto Penale** Parte Speciale II pagina 606).

Il-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż **Kenny**.

*'Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'* (Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161)

L-istess kummentatur jirreferi għad-dottrina Taljana msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad *'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a*

*document.’* (Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.)

Il-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta’ l-**Archbold** ta’ l-1975 : (Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8):

***‘****The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report:*
*‘By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: ‘Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.’ This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a*
*law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument ‘which tells a lie about itself’ in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered. In R versus Moore the House of Lords construed the 1981 Act in accordance with the concept of forgery set out in the Law Commission Report.****’***

Il-Qorti ħasset li kellha tidħol a fondo f’din il-problema minħabba li waqt li l-każistika tal-Qrati tagħna kemm-il darba daħlet primarjament f’żewg kwistjonijiet (i) jekk dokument hux pubbliku jew privat (Ara fost l-oħrajn: ‘**Il-Pulizija vs Carmelo Borg**’ 26 ta’ Jannar 1984 dwar

jekk bank draft tas-Central Bank kienx dokument pubbliku jew le, '**Il-Pulizija vs Paul Bonnici'** tat-30 ta' Gunju 1961dwar jekk licenzja tas-sewqan hix dokument pubbliku jew le u '**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri'** (22 t'Ottubru, 2004 dwar l-elementi ta' dokument pubbliku) jew (ii) jekk xi oggett hux dokument jew le (Ara: **Regina vs SQ et** 13 ta' Dicembru, 1954 u **Il-Pulizija vs Paul Galea** (ritratt ta' landrover ta' l-imputat appellant bin-numru K-2128 flok il-veru B-0544).

Fil-każ odjern il-Qorti ma tistax tasal għall-konlużjoni li l-imputat ħoloq xi strument *ex integro* kif sar fil-każ li għadu kif issemma. Pero' l-Qorti tirravviża li l-imputat Gatt biddel xi ħaga li kien hemm fid-dokument, u cioe' mela c-cheque li ma kienx tieghu u ffirma falz, sabiex igieghel lill-venditur jemmen li c-cheque kien tieghu u li kellu flus biex jaghmel tajjeb ghax-xiri li kien qed jaghmel. Għalhekk jista' jinghad li l-imputat għamel falsifikazzjoni, w ħoloq *ex integro* taghrif li biddel id-dokument.

Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ressqet hafna xhieda, w cioe' d-diversi vittmi f'dan il-kaz. **Jason Buhagiar** jghid li kien l-imputat Kurt Gatt li mar jixtri minghadu mobile phone u hallsu b'cheque li kien iffirmat izda li mlieh quddiemu. Huwa ra c-cheque esebit il-Qorti, numru 161 tal-HSBC tar-Rascala of Malta Limited, u gharfu bhala dak ic-cheuque li huwa ircieva minghad Gatt.

**Johann Sammut** sid il-hanut Tropical Bird Centre go Haz-Zebbug ighid li l-imputati ffrodawh b'cheque ta' tmien mija w hamsa w sebghin Lira (Lm875). Huwa ddeskrivihom bhala l-ohxon u l-irqiq. Meta gie muri Dok. A parti minn Dok. HD1 ikkonferma li dan hu c-cheque li ghamlulu z-zewg imputati, li kkonferma li jaghraf fl-Awla, bhala hlas ghal zewg pappagalli li kienu xtraw minghandu wara li damu jduru biex jaraw l-affarijiet. Qal li wrewh ic-cheque book biex jassigurawh li m'hemmx problemi, w qalulu li ghandhom kumpanija. Qal li c-cheque inkiteb u gie ffirmat quddiemu minn Kurt Gatt, minghajr ma talabhom xi tip ta' identifikazzjoni. In kontro-ezami rega' sostna li c-cekk kien vojt u mtela' quddiemu wara li sar in-negozju. Huwa nsista li hu cert li l-persuni li marru fil-

hanut tieghu huma l-imputati, li anke gharafhom minn fuq ir-ritratti li l-pulizija wrewh fid-Depot.

**Daniela Falzon,** is-salesgirl mal-Melita Pharmacy, ikkonfermat li l-imputat kien xtara erba' fliexken fwieha ta' l-irgiel mill-hanut taghha, w kien hallas permezz ta' cheque tal-Bank of Valletta pagabbli lil Melita Pharmacy fl-ammont ta' sebghin Lira Maltin (Lm70). Ikkonfermat li c-cekk imtela quddiemha minn Kurt Gatt.

**Maria Dolores Mifsud** salesgirl fil-hanut Dolceria Golosa, l-Mosta ikkonfermat li l-imputa Kurt Gatt kien xtara xi xorb alkoholiku minghandha u hallasha permezz ta' cekk tal-HSBC datat erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2001, fuq l-akkont ta' Rascala of Malta Limited immarkat bhala Dok. E. Ikkonfermat li c-cekk imtela' quddiemha u li ma talbitux juriha l-I.D. Card, u li sussegwentement ic-cekk ma ssarrafx u kellha tohrog il-flus hi.

**Mario Mifsud** ikkonferma dak li qalet Maria Dolores ghaliex kien fil-hanut maghha, u ghal darb' ohra ikkonferma li kien l-imputat Gatt li dahal jixtri minghandha.

**Edward Smith** jghid li Lejlet il-Milied, litteralment fl-ahhar hin, kien mar l-imputat fil-hanut tieghu tal-ornamenti u f'hames minuti xtara set ta' zewg 'trunks' ghall-prezz ta' mija w hamsa w ghoxrin lira Maltin (Lm125), u kien hallas permezz ta' cheque u hu (x-xhud) innota li kien ta' Rascala Limited, u meta staqsa x'kumpanija kienet dan qallu li kienet kumpanija go Hal-Luqa li tbiegh il-parts tal-karozzi. Ic-cekk imlieh l-imputat u ffirmah quddiemu wkoll.

**Joe Cossai** Direttur tal-kumpanija Cossai Limited jikkonferma li l-imputat Gatt kien xtara mobile phone minghandu u hallsu permezz ta' cekk tal-Bank of Valletta tal-akkont ta' Rascala of Malta Limited, immarkat bhala Dok. H. Qal li kien tah lilu personali, skond ma jidher minn fuq ic-cekk fit-28 ta' Dicembru, u li wara kien gie lura '*refer to drawer*'. Jirrileva li l-kitba u l-firma ta' fuq ic-cekk saru quddiemu minn Kurt Gatt, il-persuna li xtrat il-mobile minghandu.

**Victoria Meyer** prezenti fil-hanut Dowling Cellars ftakret li kienu marru zewg irgiel jixtru minghandha u l-kont tela' ghal xi mitejn u tmienja w hamsin Lira (Lm258), dawn taw cekk lil Mrs. Dowling, u fil-fatt hi rathom jiktbuh ghax kienet hdejhom. Giet murija Dok. I, li hu cekk bin-numru 253 u kkonfermat li hu l-istess cekk. Ix-xhud indikat lill-imputat Kurt Gatt, prezenti fl-Awla, bhala l-persuna li kitbet ic-cekk quddiemha. Mitluba tghid jekk taghrafx lir-ragel l-iehor li kien ma' Kurt Gatt dakinhar, hija qalet li taf li kien irqiq hafna, pero' ma kinitx certa jekk kienx l-imputat l-iehor.

Xehed ukoll **Anthony Scicluna** bhala rapprezentant tal-Bank of Valletta, u wara li kien ezentat mis-Sigriet Bankarju qal li hu ghamel ricerka fuq l-akkont 18605642046 li kien ta' Rascala of Malta Limited, zied li dan il-kont kien infetah bejn wiehed u iehor fl-1998 u li minn zmien ghal zmien kellu tibdil f'min seta' jkun firmatarju. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni min kienu l-firmatarji ghal habta ta' Dicembru 2001, qal li dak iz-zmien il-kont kien maghluq u ma setax jopera.

Illi pero' minn ezami tal-Memorandum of Articles of Association tas-socjeta' Rascala of Malta Limited, ma jidhirx li l-imputati qatt kellhom x'jaqsmu ma' din is-socjeta u ghalhekk zgur li ma kienux intitolati li jiffirmaw cekkijiet f'isimha.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-imputati, ghalkemm Gatt donnu kellu rwol aktar komplut, hargu numru ta' cekkijiet mahruga mic-cheque Book ta' Rascala of Malta Limited, u dan tul medda ta' zmien fix-xahar ta' Dicembru 2001.

Illi l-imputati ma xehdux, kif kellhom kull dritt jaghmlu, pero' kienu rrilaxxjaw stqarrijiet.

Illi huma qatt ma kkontestaw dak li gie allegat fil-konfront taghhom *viva voce* fil-Qorti, ghaliex fl-istqarrija ghogobhom ma jwegbux id-domandi li gew imposti lilhom.

Illi ghalhekk it-tezi tal-prosekuzzjoni kif esposta aktar 'il fuq qatt ma giet kontestata minnhom u lanqas ma jidher li l-imputati qatt ressqu xi provi kuntrarji ghal dak li qalet l-istess prosekuzzjoni. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-akkuzi jirrizultaw provati.

Illi m'hemmx dubbju li l-imputati xtraw oggetti bi flus haddiehor u taw x'jifhmu lill-vendituri rispetttivi li kien hemm flus fil-kont li bih kienu qed ihallsu. Dan l-agir jammonta ghal frodi.

**<u>Dwar il-piena.</u>**

Il-Qorti rat il-Fedina Penali tal-imputati esebita fl-atti a fol. 12 u 40 tal atti. Jirrizulta li l-Fedina Penali tal-imputat Kurt Gatt hija wahda nadifa, skond dik esebita mill-prosekuzzjoni, pero' minn dik esebita mill-Probation Officer, li hija aktar recenti, jirrizulta li Gatt ghandu zewg reati registrati, u cioe' pussess ta' droga w sewqan bla polza tal-assigurazzjoni. Rigward dik ta' Omar Caruana jinghad li din ghandha zewg reati registrati fuqha fis-snin 1999 u 2002 ta' portata zghira. L-imputati pero' ma gewx akkuzati li huma recidivi.

Rat ukoll dak li qal il-Probation Officer, u cioe' li l-imputat Kurt Gatt ghandu relazzjoni stabbli, kuntatt regolari mal-genituri tieghu u li ghandu mpjieg fiss.

Illi ghalhekk f'din ic-cirkostanza l-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija sospiza, u dan sabiex ikollha l-effett ta' mannara fuq ras l-imputati bil-ghan li zzommhom 'il boghod mill-hajja ta' kriminalita'. Fl-istess hin thoss ukoll li l-vittmi ghanhom jigu kumpensati ghad-danni li sofrew u dan sabiex issir gustizzja maghhom. Thoss ukoll, in vista ta' dak li qal il-Probation Officer, u cioe' li l-imputat Gatt ikkollabora hafna mieghu, li jkun opportun li l-imputati jitpoggew taht Ordni ta' Supervizjoni bl-istess ghan li jinzammu 'l boghod mill-attivita' kriminali.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat **l-Artikoli tal-Ligi,** u cioe' **167, 169, 183, 184, 308, 309, 310 tal-Kap. 9** tiddieciedi li ssib lill-imputati **<u>OMAR CARUANA u KURT</u>**

**<u>GATT hatja tal-akkuzi u tikkundannhom sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin, u dan ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u> Oltre dan ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap 9 tordna lill-imputati in solidum bejniethom ihallsu lil-vittmi kollha li xehdu f'dawn il-proceduri l-ammonti msemmija minnhom (liema ammonti qatt ma gew kontestati mill-imputati) u dan fi zmien sitt xhur millum. Tordna wkoll li l-imputati jitpoggew taht Ordni ta' Supervizjoni tul is-sentenza sospiza, u dan skond l-ordni anness ma' din is-sentenza, u dan ai termini tal-Artikolu 28G (1)tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------